II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/714

tas-7 ta' Marzu 2019

li jissostitwixxi l-Anness I u li jemenda l-Annessi II u VII tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 jipprevedi li, f'tal-anqas kwart tal-Istati Membri, in-numru minimu ta' firmatarji ta' inizjattiva taċ-ċittadini jenħtieġ li jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat b'750. Dawn in-numri minimi huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-Trattati mhumiex se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara din in-notifika, jiġifieri mit-30 ta' Marzu 2019, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dan il-perjodu.

(3) Fit-28 ta' Ġunju 2018 il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 ([2]) li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew. Din id-Deċiżjoni, li daħlet fis-seħħ fit-3 ta' Lulju 2018, tistipula n-numru ta' rappreżentanti fil-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru għal-leġiżlatura 2019-2024, li tibda fit-2 ta' Lulju 2019.

Sabiex jiġu riflessi dawn ir-regoli fir-rigward tan-numru minimu ta' firmatarji stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, huwa xieraq li jiġi emendat l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011. Din l-emenda jenħtieġ li tibda tapplika fit-2 ta' Lulju 2019, meta tibda l-leġiżlatura 2019-2024. Madankollu, jekk il-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jiġi estiż lil hinn minn din id-data, jenħtieġ li l-emenda ssir applikabbli wara li jkun skada l-perjodu estiż. Għar-raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness I jenħtieġ li jiġi sostitwit.

(4) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 jipprevedi li l-organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini proposta huma meħtieġa jirreġistrawha mal-Kummissjoni, filwaqt li jipprovdu l-informazzjoni stipulata fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 tat-28 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (ĠU L 165 I, 2.7.2018, p. 1).

(5) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 jipprevedi li għall-preżentazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini lill-Kummissjoni, l-organizzaturi għandhom jagħmlu użu mill-formola li tinsab fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-formoli fl-Annessi II u VII tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 fihom nota f'qiegħ il-paġna, li tipprovdi informazzjoni dwar kif tiġi pproċessatad-*data* personali tal-organizzaturi u tal-isponsors. L-informazzjoni f'din in-nota f'qiegħ il-paġna trid titqassar u tiġi ssimplifikata, sabiex tiġi evitata l-konfużjoni mad-dikjarazzjoni dwar il-privatezza użata għall-ipproċessar tad-*data* kkonċernat.

(7) It-test tan-noti f'qiegħ il-paġna jirreferi għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tħassar u ġie sostitwit mill-11 ta' Diċembru 2018 bir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Jenħtieġ għalhekk li r-referenza għar-Regolament (KE) Nru 45/2001 titneħħa minn dawn in-noti f'qiegħ il-paġna.

(8) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 jiġi sostitwit u li l-Annessi II u VII ta' dan ir-Regolament jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Anness I huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(2) fl-Anness II, it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna ([1]) qed jiġi sostitwit b'li ġej:

"([1]) Se jkunu disponibbli biss għall-pubbliku l-ismijiet sħaħ tal-organizzaturi, l-indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt u l-informazzjoni relatata mas-sorsi tal-appoġġ u tal-finanzjament, fuq ir-reġistru online tal-Kummissjoni.

Is-suġġetti tad-*data* huma intitolati li joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni tad-*data* personali tagħhom għal raġunijiet leġittimi serji marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom.";

(3) fl-Anness VII, it-test tan-nota f'qiegħ il-paġna ([1]) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"([1]) Se jkunu disponibbli biss għall-pubbliku l-ismijiet sħaħ tal-organizzaturi, l-indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt u l-informazzjoni relatata mas-sorsi tal-appoġġ u tal-finanzjament, fuq ir-reġistru online tal-Kummissjoni.

Is-suġġetti tad-*data* huma intitolati li joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni tad-*data* personali tagħhom għal raġunijiet leġittimi serji marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 1 tal-Artikolu 1 għandu japplika mit-2 ta' Lulju 2019 jew mill-jum wara dak li fih it-Trattati ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, skont liema data tkun l-aktar tard.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

NUMRU MINIMU TA' FIRMATARJI GĦAL KULL STAT MEMBRU

Il-Belġju	15 750
Il-Bulgarija	12 750
Ir-Repubblika Ċeka	15 750
Id-Danimarka	10 500
Il-Ġermanja	72 000
L-Estonja	5 250
L-Irlanda	9 750
Il-Greċja	15 750
Spanja	44 250
Franza	59 250
Il-Kroazja	9 000
L-Italja	57 000
Ċipru	4 500
Il-Latvja	6 000
Il-Litwanja	8 250
Il-Lussemburgu	4 500
L-Ungerija	15 750
Malta	4 500
In-Netherlands	21 750
L-Awstrija	14 250
Il-Polonja	39 000
Il-Portugall	15 750
Ir-Rumanija	24 750
Is-Slovenja	6 000
Is-Slovakkja	10 500
Il-Finlandja	10 500
L-Iżvezja	15 750